Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,328, 20 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 388 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. -għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għad-Dokumentazzjoni u r-Riċerka Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Istudji Ewropej bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għad-Dokumentazzjoni u r-Riċerka Ewropea, ippubblikati bħala Avviż Legali 311 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru, 2014 'il quddiem.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:
"L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Istudji Ewropej

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Istudji Ewropej bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Istudji Ewropej.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Istudji Ewropej;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għall-Istudji Ewropej; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandhom ikollhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) Master's fil-European Studies jew Magister Juris in European and Comparative Law jew f'qasam ta' studju meqjus rilevanti mill-Bord miksub b'Għadda b'Mertu (jew l-ekwivalenti), flimkien ma' grad tal-ewwel ċiklu miksub fit-tieni klassi ta' fuq jew l-ekwivalenti; jew

(b) grad tal-ewwel ċiklu miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri fl-istess oqsma ta' studju jew f'qasam meqjus rilevanti mill-Bord kif indikat fis-sotto-paragrafu (a) ta' dan l-ordinament.

(2) Il-Bord jista' jikkunsidra wkoll applikazzjonijiet minn applikanti bi kwalifiki fil-livell ta' Master jew ogħla fi kwalunkwe dixxiplina oħra miksuba b'Għadda b'Mertu (jew l-ekwivalenti) u li għandhom ukoll esperjenza u għarfien li, fl-opinjoni tal-Bord, jippermettilhom li jsegwu b'suċċess studji tad-dottorat fl-Istudji Ewropej. F'dawn il-każijiet, rakkomandazzjoni dwar l-applikażżjoni ċara u motivata għandha tkun sottomessa lill-Bord biex imbagħad tiġi kkunsidrata mill-Kumitat tal-Ph.D. u mis-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat**

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej: id-Direttur tal-Istitut bħala *Chairman* u erba' membri anzjani tal-istaff akkademiku, normalment kapijiet ta' dipartiment, li għall-anqas wieħed minnhom ikun minn fakultà, istitut jew ċentru ieħor, iżda meta d-Direttur tal-Istitut ikun propost bħala Superviżur Prinċipali, ko-superviżur jew konsulent, ma jistax imexxi l-laqgħa hu."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) Wara 12-il xahar u mhux aktar minn 24 xahar ta' studju *full-time*, l-istudenti huma meħtieġa li jissottomettu rapport dwar ix-xogħol tar-riċerka tagħhom għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun magħmul minn *chairman*, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali u l-ieħor ikun membru tal-Istitut. Iċ-*chairman* u t-tielet eżaminatur jiġu maħtura mill-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu jissottometti rapport bil-miktub l-ewwel għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali."

Iż-Żieda tal-ordinament 9 mal-ordinamenti prinċipali

9. L-ordinament 9 li ġej għandu jidħol wara l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali:

"9. Il-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jeħtieġ lill-istudenti biex itemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju u/jew iwettqu b'suċċess kompiti kif indikat mill-Bord, matul l-istudji tagħhom."

In-numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 9 sa 14 tal-ordinamenti prinċipali

10. L-ordinamenti 9 sa 14 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 10 sa 15.

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

11. Minflok l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. L-istudenti reġistrati mal-Istitut jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim tal-Istitut."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

12. Minflok l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom jiġu nfurmati li huma meħtiġa jinfurmaw lill-Istitut li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-ezami mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data meta għandha ssir is-sottomissjoni."

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

13. Minflok l-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"14. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Istitut għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Istitut, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tagħhom, tliet kopji tat-tezi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali. Kopja waħda tat-teżi tinżamm fil-Librerija tal-Istitut u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad."